

# VIA CRUCIS

## IT-TRIQ TAS-SALIB

Parroċċa
**Familja Mqaddsa**
L-IKLIN

# VIA CRUCIS

## IT-TRIQ TAS-SALIB

Parroċċa
**Familja Mqaddsa**
L-IKLIN

# IT-TRIQ TAS-SALIB

**Fl-Isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.
Ammen.**

Kif ninsabu fil-preżenza ta' Ġesù Sagramentat,
nadurawh bil-qalb kollha u nagħmlu l-attijiet iż-żgħar:
**Mulejja, nemmen fik, kollok verità.
Mulejja, nitma fik, kollok ħniena.
Mulejja, inħobbok fuq kollox, kollok imħabba.
Mulejja, nindem għax regħxtek u offendejtek,
kollok tjieba.
Mulejja, inqaddes ruħi bis-Sagramenti Tiegħek,
kollok qdusija.**

Insieħbu lil Sidna Ġesù fil-vjaġġ li għamel mingħand Pilatu sal-Kalvarju, mgħobbi s-salib, u nitolbuh li jħeġġeġ il-qalb tagħna bin-nar tal-imħabba Tiegħu u jagħtina d-dawl biex nagħrfu nimmeditaw it-tbatija u l-mewt Tiegħu.

Nitolbu għall-Knisja Mqaddsa, għall-paċi tal-midinbin, għall-perseveranza tat-tajbin, għall-proxxmu tagħna kollu, u għas-suffraġju tal-erwieħ tal-Purgatorju.

Bil-qalb, il-moħħ u r-ruħ tagħna ser nimmeditaw lil Ġesù fl-akbar ubbidjenza tiegħu lejn il-Missier u fl-akbar imħabba tiegħu lejna l-bnedmin billi nakkumpanjawh matul it-triq tas-Salib. Ejjew nisktu u nsiktu lilna nfusna filwaqt li nħallu lil Ġesù jiltaqa ma' ruħna u jitħabbeb magħna.

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**





## I

## L-ewwel stazzjon, meta Sidna Ġesù Kristu kien ikkundannat għall-mewt bla ħtija.

**Mill-Evanġelju skont San Luqa**
(23, 23-25)

Iżda huma b'ħafna għajat baqgħu jinsistu u jitolbu li jkun imsallab, sakemm fl-aħħar għaddiet tagħhom. Għalhekk Pilatu qatagħha li jsir kif talbu huma. Telqilhom lil min talbu, jiġifieri lil dak li kien mitfugħ il-ħabs minħabba rewwixta u qtil, u lil Ġesù tahulhom bħalma xtaqu.

**Nitlob fis-skiet** *għal mistrieħ etern ta' kull min ġie ġustizzjat bla ħtija u mneħħi minħabba l-għira ta' ħaddieħor jew għal skopijiet malizjużi oħra.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Biex jeħles mit-toqol tal-ħtija,*
*il-bniedem midneb jikkundanna lil għajru.*
*Hekk iħossu xi ftit aktar ġust...*
*Ġesù huwa kkundannat mill-poter u mir-reliġjon,*
*bħala xewwiexi u profeta falz.*
*L-innoċenti jitwikka bil-ħtija tal-ħatjin,*
*biex il-ħatja jinfdew.*


II

## II
## It-tieni stazzjon, meta lil Sidna Ġesù preżentawlu s-Salib u Ġesù għall-imħabba li jġibilna, aċċettah bil-ħlewwa.

**Mill-Evanġelju skont San Mattew**
(16, 24-25)

Imbagħad qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja. Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha, imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isibha."

**Nitlob fis-skiet** *biex fil-ħajja tiegħi l-Mulej jagħtini x-xewqa u l-ħeġġa sabiex nintrabat mar-rieda tiegħu f'ħajti bil-fidi u t-tama sħiħa fih.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Ġesù jerfa' s-salib bil-ħlewwa,*
*għax is-salib huwa l-umanità feruta.*
*Il-Ġust jitgħabba bid-dnub tagħna,*
*jieħu fuqu l-kundanna li kien ħaqqna,*
*biex aħna nkunu meħlusa mill-mewt.*



# III
# It-tielet stazzjon, meta Sidna Ġesù kien tiela' l-Kalvarju u waqa' għall-ewwel darba għal wiċċu fl-art taħt is-salib.

**Minn Salm 22**
(22, 13-15)

"Qatgħa gniedes daru miegħi; barrin qawwija ta' Basan għalquni, b'ħalqhom miftuħ għal fuqi, bħal iljun li jaħtaf u jgħajjat. Ninsab bħall-ilma msawwab, għandi għadmi maqlugħ kollu; qalbi hi bħal xemgħa, iddub ġewwa fija."

**Nitlob fis-skiet** *l-għajnuna ta' Alla u l-grazzja tal-perseveranza meta s-salib tal-ħajja tiegħi jibda jitqal u jagħfas fuqi filwaqt li tonqosni l-ħila, l-kuraġġ u t-tama.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Ġesù jaqa'.*
*U fil-waqgħa tiegħu joqrob lejna,*
*aħna li aħna trab tal-art.*


IV

## IV
## Ir-raba' stazzjon, meta Sidna Ġesù kien tiela' l-Kalvarju u ltaqa' ma' Ommu Marija Santissima, u l-Lhud b'kefrija kbira firduhom minn xulxin.

**Mill-Evanġelju skont San Ġwann**
(19, 25-26)

"Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu. Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: "Mara, hawn hu ibnek."

**Nitlob fis-skiet** *l-għajnuna materna ta' Marija filwaqt li napprezza aktar il-qawwa doċli tagħha u l-importanza tal-irwol ċentrali tagħha fil-fidi tagħna.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Fit-triq tas-salib,*
*Marija tiltaqa' ma' Binha.*
*Il-ħarsa ta' għajnejha*
*titwaħħad mal-ħarsa tal-Iben.*
*Ma' Binha hija tħares 'l quddiem,*
*lejn ir-rieda tal-Missier,*
*u miegħu tlissen 'Hawn jien'*


V

## V
## Il-ħames stazzjon, meta Sidna Ġesù kien tiela l-Kalvarju, u ġie mgħejjun minn Xmun iċ-Ċirinew jerfa' s-salib.

**Mill-Evanġelju skont San Mark**
(15, 21)

Kien għaddej wieħed, Xmun minn Ċireni, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba', u ġagħluh jerfagħlu s-salib.

**Nitlob fis-skiet** *il-maħfra w il-ħniena ta' Alla għad-dnub tal-indifferenza mit-tbatija tal-proxxmu, l-aktar waqt it-tbatija tal-ġust fit-tiġrib.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Xmun ta' Ċirene*
*jduq it-toqol tal-għuda.*
*Imma fl-aħħar mill-aħħar*
*jaf li mhux hu l-ikkundannat,*
*għax il-kundanna ħadha fuqu l-Mulej.*
*Fi Kristu s-salib mhux aktar kundanna*
*Imma jsir għajn ta' ħajja u grazzja.*


VI

## VI
## Is-sitt stazzjon, meta Sidna Ġesù Kristu kien tiela l-Kalvarju, u ltaqa' mal-Veronika, li resqet ixxuttat il-Wiċċ Imqaddes Tiegħu, u Ġesù ħalla x-xbiha Tiegħu fil-velu tagħha, għat-tifkira tagħna.

**Mill-Ktieb tal-Profeta Iżaija**
(50, 6-8)

Tajt dahri lil dawk li kienu jsawwtuni, ħaddejja lil dawk li kienu jnittfuli lħiti; ma ħbejtx wiċċi mit-tagħjir u l-bżieq, Sidi l-Mulej jgħinni, għalhekk ma nitħawwadx; għalhekk għamilt wiċċi bħaż-żnied: jien naf li ma jkollix mniex nistħi. Dak li jagħmel ġustizzja miegħi jinsab fil-qrib.

**Nitlob fis-skiet** *il-grazzji tad-doċilità spiritwali li tgħinni nara wiċċ Ġesù fil-proxxmu, u tal-ħniena li timbuttani biex nixxotta d-dmugħ tal-oħrajn.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Kull għemil ta' mħabba jagħmilna xebħ ta' Alla,*
*li hu l-Imħabba innifisha.*
*Din il-mara tixxotta l-wiċċ ta' Kristu;*
*u f' dan l-għemil ta' ħniena*
*ix-xbieha ta' Kristu tissawwar fiha.*


VII

## VII
## Is-seba' stazzjon, meta Sidna Ġesù kien tiela' l-Kalvarju, u waqa' għat-tieni darba, għal wiċċu fl-art taħt is-salib.

**Mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**
(5, 1-5)

Issa li aħna ġġustifikati bil-fidi, għandna s-sliem ma' Alla, permezz ta' Sidna Ġesù Kristu; permezz tiegħu għandna d-dħul bil-fidi għal din il-grazzja li fiha qegħdin. Aħna niftaħru bit-tama li għandna li għad niksbu l-glorja ta' Alla. Mhux biss dan, imma niftaħru wkoll bis-sofferenzi, għax nafu li s-sofferenza ġġib is-sabar, is-sabar irawwem il-ħila, il-ħila t-tama. U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawwbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna.

**Nitlob fis-skiet** *il-grazzja tal-qawwa fid-dugħfija billi ma nagħtix ruħi b'mirbuħ meta narani nikkommetti l-istess dnubiet u nuqqasijiet, u l-grazzja tal-umilta' li nħalli li Ġesù jirbaħ dnubieti hu għalija.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*It-toqol tal-għuda jagħfas fuq il-Mulej.*
*Hemm mumenti fejn jidher li l-ħażen hu rebbieħ.*
*Ġesù joqgħod għall-ħażen bla ma jirribella*
*u f'din l-umilta' tiegħu*
*l-imħabba tirbaħ fuq il-qawwa tal-ħażin.*


VIII

## VIII
## It-tmien stazzjon, meta Sidna Ġesù Kristu kien tiela' l-Kalvarju, u ltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm, u kif bdew jitħassruh u jibkuh, Ġesù qalilhom: "La tibkux lili, ibku lilkom infuskom u 'l uliedkom".

**Mill-Evanġelju skont San Luqa**
(23, 28-31)

Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu, 'Hienja dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'!" Mbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji, 'Aqgħu fuqna!', u lill-għoljiet, 'Ordmuna!' Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?"

**Nitlob fis-skiet** *il-grazzja tas-sinċerità tal-qalb, u li nagħraf il-qerq fit-tixrid tad-dmugħ tal-kukkudrilli.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Il-nisa jaraw lil Ġesù jbati u jibkuh.*
*Qalbhom tħoss għalih meta jarawh sejjer għall-mewt.*
*Imma l-mewt ta' Kristu hija bħall-uġiegħ tal-ħlas;*
*hija tbatija li tnissel il-Ħajja ġdida.*
*Għalhekk il-Mulej jistieden għall-indiema*
*Biex il-bniedem ikun jista' jilqa'dan it-twelid ġdid.*


IX

## IX
## Id-disa' stazzjon, meta Sidna Ġesù kien tiela l-Kalvarju, u waqa' għat-tielet darba, għal wiċċu fl-art taħt is-salib.

**Mill-Ktieb tal-Profeta Ġeremija**
(20, 7-9)

Qarraqtni, Mulej, u jien tqarraqt: kont aqwa minni, u għelibtni. Jien sirt id-daħka ta' kuljum, kulħadd jiddieħak bija. Kull meta niġi biex nitkellem, jien ngħajjat, u nxandar, 'Moħqrija u ħsara!' Il-kelma tal-Mulej saret għalija tagħjir u tmaqdir kuljum. U jien għedt: 'Ma nsemmihx aktar, ma nitkellimx aktar f'ismu.' Iżda f'qalbi hemm bħal nar jaqbad, magħluq f'għadmi. Għejejt inżommu magħluq ġo fija, ma niflaħx aktar għalih.

**Nitlob fis-skiet** *lil Alla l-grazzja sabiex il-provi u d-diffikultajiet tal-ħajja jkunu l-għodda f'idejH biex nikber u nimmatura fil-fidi filwaqt li jsaħħuni u jqarrbuni lejh.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Il-Mulej jitmiegħek mal-art.*
*Il-ħabba tal-qamħ tintradam mill-ħamrija.*
*L-art imċappsa bid-dnub tal-bniedem*
*Mimlija xewk u għollieq*
*tilqa' din il-Ħabba*
*biex fil-mewt tagħha tinbet il-ġustizzja.*


X

# X
# L-għaxar stazzjon, meta Sidna Ġesù wasal fuq il-Kalvarju, u l-Lhud qabdu fih u neżżgħuh il-libsa, li kienet imwaħħla mal-pjagi tal-ġisem imqaddes Tiegħu.

**Mill-Evanġelju skont San Ġwann**
(19, 23-24)

Wara li sallbu lil Ġesù, is-suldati ħadu l-ilbies tiegħu u qassmuh f'erbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom. U ħadu wkoll it-tunika; din kienet libsa bla ħjata, minsuġa biċċa waħda minn fuq s'isfel. Ftiehmu bejniethom u qalu: "Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil min tmiss jeħodha." Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid, 'Ħwejġi qasmu bejniethom u għall-ilbies tiegħi tefgħu x-xorti. U dan tabilħaqq għamluh is-suldati.

**Nitlob fis-skiet** *sabiex ma jkun qatt li jien nieħu l-opportunità maħmuġa li napprofitta ruħi mill-ftit tal-fqir biex nistagħna jien.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Il-bniedem li jidneb jinduna li hu għarwien...*
*...dgħajjef...imriegħex...*
*Dak li hu daqs Alla*
*jinża' l-glorja tiegħu u jsir għeri bħalna.*
*U lilna li konna għerja*
*messitna b'xortina il-libsa tal-glorja divina tiegħu.*


XI

# XI
# Il-ħdax-il stazzjon, meta lil Sidna Ġesù kmandawh jimtedd fuq is-salib, u Ġesù obda, sakemm sammruh bl-imsiemer għal dnubietna.

**Minn Salm 22**
(22, 16-18)

Ħalqi niexef bħal xaqqufa, lsieni mwaħħal ma› ħnieki; ninsab mitfugħ fuq trab il-mewt. Qabda klieb daru għalija; ġemgħa nies ħżiena rassewni. Taqqbuli jdejja u riġlejja; nista' ngħodd għadmi kollu. B'għajnejhom fuqi jħarsu lejja.

**Nitlob fis-skiet** *maħfra tad-drabi fejn konxjament jew inkonxjament bi kliemi, għemili, azzjoniti jew deċiżjonijiet tiegħi jien sallabt lil ta' madwari.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Ġesù jingħata f'idejn il-bnedmin*
*u għal darb'oħra Kajjin joqtol lil ħuh.*
*Il-ġisem tal-Mulej huwa msammar mal-għuda.*
*Imma dan il-ġisem m'hux għajr l-għamara tal-imħabba,*
*U meta dan il-ġisem jitfarrak*
*minnu toħroġ l-imħabba tal-Missier*
*għall-iben li kien mitluf.*



# XII
# It-tnax-il stazzjon, meta lil Sidna Ġesù għollewh mislub bejn żewġ ħallelin, u wara tliet sigħat ta' agunija, Ġesù miet fuq is-salib.

**Mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl lill-Korintin**
(1, 22-24)

Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf, imma aħna nxandru 'l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi; iżda għal dawk li huma msejjħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta' Alla u l-għerf ta' Alla.

**Nitlob fis-skiet** *u nirrifletti l-għera, it-torturi, l-umiljazzjoni, u l-għotja tal-Iben mill-Missier lili, u l-imħabba nfinita tiegħu għalija.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Adam il-Ġdid jorqod ir-raqda tal-mewt.*
*Il-ġenb tiegħu jiċċarrat bid-daqqa tal-lanza.*
*Mill-ġenb miftuħ*
*joħroġ id-demm u l-ilma.*
*Fil-mewt tal-Mulej titwieled umanità ġdida*
*li l-belt tagħha hija d-dar tal-Missier.*


XIII

# XIII
# It-tlettax-il stazzjon, meta lil Sidna Ġesù niżżluh mis-salib, u qegħduh fil-ħdan ta' Ommu Marija Santissima Addolorata

**Mill-Evanġelju skont San Luqa**
(2, 33-35)

Missieru u ommu baqgħu mistagħġba b'dak li kien qiegħed jingħad fuqu. Xmun berikhom, u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh, - u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! - biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta' ħafna."

**Nitlob fis-skiet** *u nimmedita x-xena taħt is-salib vojt, u l-ġisem qaddis ta' Ġesù fi ħdan ommu, Marija Addolorata li f'din is-siegħa ta' sofferenza tkompli tgħid 'iva' lill-Missier u tagħmel ir-rieda tiegħu. Jiena konvint li l-Verġni Marija dejjem tweżinni fi tbatijieti.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Ġużeppi minn Arimatea jiġi u jieħu dak il-ġisem mejjet.*
*Jieħdu fuqu u jniżżlu mis-salib.*
*Imma fl-istess ħin,*
*dak il-ġisem mejjet jgħannaq lil Ġużeppi.*
*Issa l-bniedem huwa mħabbeb mill-ġdid ma' Alla*
*U fil-mewt ta' Kristu*
*jirċievi t-tgħanniqa u l-bewsa tal-Missier.*


XIV

## XIV
## L-erbatax-il stazzjon, meta lil Sidna Ġesù ħaduh mill-ħdan ta' Ommu Marija Santissima, u difnuh f'qabar ġdid

**Mill-Evanġelju skont San Mattew**
(27, 59-61)

Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f›liżar nadif, qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, u telaq. Iżda Marija ta› Magdala u Marija l-oħra baqgħu hemm bilqiegħda biswit il-qabar.

**Nitlob fis-skiet** *sabiex il-ħajja Nisranija tiegħi tkun bħal ta' Marija ta' Magdala u Marija l-oħra li nibqa' nishar qrib il-qabar vojt. Din is-sahra tixhed għall-imħabba u l-fedelta' ta' dawn in-nisa, li jien mistieden nimita.*

*Silenzju*

**Nadurawk o Ġesù u nberkuk għax b'salibek u l-mewt Tiegħek inti fdejtna.**

*Kollox mitmum.*
*Kristu jidħol fil-mewt.*
*Hija l-aħħar għadu.*
*U fid-dalma tal-qabar*
*isseħħ it-taqbida tal-għaġeb.*
*Il-Ħajja tidħol fil-mewt,*
*Imma l-mewt ma' tistax għaliha,*
*għax hija l-Ħajja ta' Alla*
*...Alla qaddis... Alla qawwi...Alla immortali.*
*fid-dalma tal-mewt*
*Jiddi d-dwal tal-Għid.*

## Talba skont l-Intenzjoni tal-Papa

Missierna li inti fis-Smewwiet,
jitqaddes Ismek, tiġi saltnatek,
ikun li trid int, kif fis-sema
hekkda fl-art.
**Ħobżna ta' kuljum agħtina llum,**
**aħfrilna dnubietna bħalma**
**naħfru lil min hu ħati għalina,**
**u la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda**
**eħlisna mid-deni. Ammen.**

Sliema għalik, Marija, bil-grazzja
mimlija, il-Mulej miegħek,
imbierka int fost in-nisa,
u imbierek il-frott
tal-ġuf tiegħek, Ġesù.
**Qaddisa Marija, omm Alla,**
**itlob għalina midinbin**
**issa, u fis-siegħa tal-mewt**
**tagħna. Ammen.**

Glorja lill-Missier,
u lill-Iben u lill-Ispirtu Santu.
**Kif kien mill-bidu, issa u dejjem,**
**u jibqa' għal dejjem ta' dejjem.**
**Ammen.**



*Salib tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja tal-Iklin*
*diżinn ta' Manuel Farrugia u maħdum*
*fil-mużajk minn Mary Portelli*



## Salve Regina lil Marija Addolorata

**Sliem għalik, Sultana, omm tal-ħniena,
ħajja, ħlewwa u tama tagħna, Sliem għalik.
Lilek ingħajtu, aħna, turufnati,ulied Eva.
Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu
f'dan il-wied tad-dmugħ.
Ejja mela, avukata tagħna; dawwar lejna
dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena.
Urina, wara dan it-turufnament, lil Ġesù
frott imbierek tal-ġuf tiegħek,
o ħanina, o pija, o ħelwa,
Verġni Marija.**

*Marija Addolorata, Omm it-Tama, żżomm lil Binha mejjet, li fl-istess ħin qed iżomm lilha. Tħares lil hinn minnu, u f'Binha mejjet tara lil Binha rxuxtat. Dan huwa xogħol ta' Nathanael Theuma għall-Knisja tal-Familja Mqaddsa fl-Iklin*


ittamat

# TALB IEĦOR

**Ruħ ta' Kristu**
Ruħ ta' Kristu qaddisni
Ġisem ta' Kristu, salvani.
Demm ta' Kristu, isqini.
Ilma tal-kustat ta' Kristu, aħsilni.
Passjoni ta' Kristu, sabbarni.
O Ġesù twajjeb, ismagħni.
Fil-pjagi tiegħek, aħbini.
Tħallini qatt ninfired minnek.
Mill-għadu ħażin ħarisni.
Fis-siegħa ta' mewti sejjaħli.
Ġewwa ħdanek ilqagħni,
biex mal-qaddisin tiegħek
infaħħrek għal dejjem ta' dejjem.
Ammen.

**Talba lil Ġesù Msallab**
O Ġesù maħbub tiegħi,
mixħut għarkubbtejja quddiemek,
nitolbok bl-akbar ħrara
li tnissel f'qalbi
twemmin, tama u mħabba l-aktar qawwija
kif ukoll indiema kbira ta' dnubieti
u fehma sħiħa li ma nerġax noffendik;
filwaqt li jiena,
bl-imħabba u bil-ħniena kollha,
sejjer naħseb fuq il-ħames pjagi tiegħek
b'dak il-kliem quddiem għajnejja
li qal fuqek il-profeta David:
"Nifduli jdejja u riġlejja;
għaddewli għadmi kollu."

# IT-TRIQ TAS-SALIB

**Il-Via Crucis** hi devozzjoni Franġiskana li bdiet fl-Art Imqaddsa taħt diversi forom skont iż-żminijiet u ċ-ċirkostanzi storiċi. Bħala devozzjoni kif nafuha llum tferrxet bil-ħidma tal-qaddis Franġiskan San Leonardu minn Porto Maurizio (1676 – 1751), li waqqafha f'diversi parroċċi u fil-Kolossew ta' Ruma, fejn il-Papa jmur nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għaxja biex jimmedita l-Passjoni tal-Mulej permezz ta' din it-talba.

**Il-forma tradizzjonali** tal-Via Crucis hi dik li hi segwita f'Ġerusalemm, għalkemm wieħed jista' jimmedita wkoll mumenti differenti tal-Passjoni ta' Ġesù.Ħafna mill-istazzjonijiet ifakkru ġrajjiet evanġeliċi tal-Passjoni, fil-waqt li oħrajn huma frott ta' tradizzjoni antika tal-pellegrini u tal-Insara ta' Ġerusalemm.

**Din il-Via Crucis** ġiet esegwita miċ-Ċentru Liturġiku Eikon fuq disinn ta' p. Marko Ivan Rupnik sj fil-ġebla tal-franka Maltija b'dekorazzjoni ta' diversi materjali.

Tinsab fil-Knisja Parrokkjali tal-Familja Mqaddsa fl-Iklin, Malta *parrocca.iklin@maltadiocese.org*

Ġiet imbierka mill-E. T. Mons Charles J. Scicluna, Arċisqof ta' Malta, nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019

**DAN IL-KTEJJEB**
It-talbiet tal-*Via Crucis* ġew
miktuba minn Emmanuel Said

Ir-riflessjonijiet fuq il-*Via Crucis*
huma ta' Dun Roberto Gauci

Ir-ritratti huma ta' Ian Noel Pace
*www.knisja.org/ritratti*

Il-qari tal-Provi sar
minn Monsinjur Anton Vella

Il-pittura ta' Marija Addolarata hija
tal-artist Nathanael Theuma
*https://www.fb.com/nathanael.theuma.9*

Id-disinn tal-ktejjeb huwa ta' Alan Bonello
*www.designedbyal.com*

Mitbugħ Gozo Press Għajnsielem Għawdex 2019

Il-Via Crucis hija proġett taċ-Ċentru
Liturġika Eikon, Triq Ġwanni Pawlu II,
il-Belt Victoria, Għawdex.
*eikon@gozodiocese.org*

Is-Salib tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja
ġie maħdum minn Mary Portelli
*https://www.facebook.com/gozomosaic*
fuq disinn ta' Manuel Farrugia
*www.manuelfarrugia.com*

Il-Kappella tas-Santissmu Sagrament ġiet
maħduma minn Raymond Bonello u Mary
Portelli fuq disinn ta' Manuel Farrugia.

**Nihil obstat**
**Die 24a septembris 2019**
**Mons. Hector Scerri**
**Cens. Theol.**

**Imprimatur**
**Datum in Curia Archiep.**
**Melit, Florianae, die 24a septembris 2019**
**+ Joseph Galea Curmi**
**Ep. Tit. Cebaradesen,**
**Vicarius Generalis**



B' radd il-ħajr
lil Alla u lill-Benefatturi ġenerużi
tal-Parroċċa tal-Familja Mqaddsa fl-Iklin
Ħalli Alla Jkun Imsebbaħ f'Kollox

Parroċċa
**Familja Mqaddsa**
L-IKLIN